MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2010

Numru. 1136/2009

**Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Shone (Carmel-Shone) Agius**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Shone (Carmel-Shone) Agius ta’ 36 sena, iben Philip u Mary nee’ Magro, imwieled Pieta’ nhar l-24 ta’ Frar 1973 u residenti nru. 6, Sqaq nru.15, Triq San Gwann, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 123673(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Bejn id-19 u l-20 ta’ Awwissu, 2006 fi Triq Manwel Dimech, Sliema ;

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt ta’ serq minn karrozza Honda Civic, numru ta’ registrazzjoni IAU015, wera dan il-hsieb b’atti esterni w ta’ bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu, u li kieku gie esegwit kien ikun delitt ta’ serq aggravat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (E2329.37) bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta’ Leonard Farrugia u/jew ta’ persuni ohra ;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, w cioe’ karrozza Honda Civic, numru tar-registrazzjoni IAU015, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija w erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) izda izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (E116.47), ai termini ta’ l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta, liema hsara saret ghad-detriment ta’ Leonard Farrugia u/jew ta’ persuni ohra ;

3. Rrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta permezz ta’ diversi sentenzi li saru definittivi.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta’ Ottubru, 2009 (esebit *a folio* 11 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-13 ta’ Jannar, 2010 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta tat-13 ta’ Jannar, 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-

konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u ikkoopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 270, 271, 325, 49, 50 u 17 (h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-hati taht ordni ta' probation ghal zmien tlett(3) snin millum taht is-segwenti kundizzjonijiet :

1. Li matul il-perijodu ta' probation ta' tlett (3) snin Shone (Carmel-Shone) Agius ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta' Shone (Carmel-Shone) Agius kull sitt(6) xhur bil-miktub.

3. Shone (Carmel-Shone) Agius ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandu jzomm ruhu f'kuntatt ma' l-ufficjal tal-Probation skond id-direttivi li jaghtih minn zmien ghal iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li hija ghandha, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid/trid, jircievi zjarat ta' l-istess Ufficjal tal-Probation.

5. Li sa zmien sitt(6) xhur millum ghandu jhallas lil vittma Leonard Farrugia is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro (€232).

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------